BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 06/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2013 fis-7.30am**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Is-Sindku ndirizza l-Kamra u spjega li wara laqgħa Nru. 05/13 li saret nhar il-Erbgħa 3 ta' April 2013, fejn il-Kamra ma laqghetx it-talba li jsir it-*2013 Lovesexy Festival* fil-Bajja s-Sabiħa, irċieva bosta telefonati fejn saret pressjoni fuqu sabiex din id-deċiżjoni tiġi mibdula u t-talba tintlaqa'.

Kien għal din ir-raġuni li saret il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kamra tirrifletti fuq id-deċiżjoni li għamlet u tara li din it-talba ġiet meqjusa fil-kuntest tagħha.

Wara diskussjoni l-Kamra unanimament ikkonfermat il-pożizzjoni tagħha u d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali baqgħet l-istess. Għaldaqstant din it-talba ma ġietx milqugħa.

## ***AĠENDA -2***

Is-Sindku nforma l-Kamra li wara li ġie mħabbar fil-*media* bl-intenzjoni li l-Port Ħieles ikabbar, hu ġie avviċinat minn ġurnalist sabiex jara l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali x'inhi. Is-Sindku sostna li l-Kunsill Lokali qatt ma kien kontra l-iżvilupp u l-ħolqien tax-xogħol pero' mhux a detriment tar-residenti ta' Birżebbuġa. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu dejjem jiġi kkonsultat qabel isir l-iżvilupp.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.15am.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |